A.L. 87 ta' l-1991

ATT DWAR L-AWTORITÀ TAD-DJAR (KAP. 261)

Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 7)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1991 dwar l-Awtorità tad-Djar (Trasferiment ta' Proprjetà) (Nru. 7).

Proprjetà speċifikata.

2. Il-proprjetà deskritta fil-paragrafu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-Att dwar l-Awtorità tad-Djar.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà speċifikata fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni għandha tiġi trasferita lill-Awtorità tad-Djar u tiġi vestita fiha kif-provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mis-27 ta' Mejju, 1991.

Deskrizzjoni ta' proprjetà speċifikata.

4. Il-proprjetà msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Blokk ta' 30 flat, inklużi *garages*, u tmint iħwienet magħrufin bħala Binja tal-Faqqani, fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern ta' Santa Luċija, f'Santa Luċija, kif ġej —

Kull flat huwa aċċessibbli minn bieb intern numerat:

1 sa 8 b'entrata komuni A
1 sa 6 b'entrata komuni B
1 sa 8 b'entrata komuni Ċ
1 sa 8 b'entrata komuni F;

Kull ħanut huwa aċċessibbli minn bieb estern separat mhux uffiċjalment numerat:

1 sa 4 sottostanti għall-flats b'entrata komuni B
5 sa 8 sottostanti għall-flats b'entrata komuni E.

Il-blokk sħiħ imiss mit-Tramuntana, Lvant u Punent ma' toroq pubbliċi u nbena fuq proprjetà tal-Gvern akkwistata bl-Att Nru. 190/64 tat-12 ta' Settembru, 1964 fl-Atti tan-Nutar Herman Borg, u delineata bl-aħdar fuq L.D. 110/91.

(2) Blokk ta' sitt flats magħrufin bħala Binja Bighi, fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern tal-Kalkara, fil-Kalkara, kull flat aċċessibbli minn bieb intern numerat

1 sa 3 b'entrata komuni A
1 sa 3 b'entrata komuni B,

sovrastanti in parti proprjetà tal-Gvern u li jmiss mill-Grigal, Xlokk u Lbiċ ma' toroq pubbliċi, u mibni fuq art tal-Gvern li qabel kienet tagħmel parti minn Ex-Service Property 16345, tranżunta fl-atti tan-Nutar V. Miceli fit-13 ta' Mejju, 1991 u delineata bl-aħmar fuq L.D. 238/90/3.

(3) Blokk ta' sitt flats magħrufin bħala Binja Rinella, fil-Qasam tad-Djar tal-Gvern tal-Kalkara, fil-Kalkara, kull flat aċċessibbli minn bieb intern numerat

1 sa 3 b'entrata komuni A
1 sa 3 b'entrata komuni B,

sovrastanti in parti proprjetà tal-Gvern u li jmiss mill-Grigal, Xlokk u Lbiċ ma' toroq pubbliċi, u mibni fuq art tal-Gvern li qabel kienet tagħmel parti minn Ex-Service Property 16345, tranżunta fl-atti tan-Nutar V. Miceli fit-13 ta' Mejju, 1991 u delineata bl-aħmar fuq L.D. 238/90/3.

(4) Id-dar li tagħmel parti mill-Qasam tad-Djar tal-Gvern tal-Qrendi, limiti Qrendi, aċċessibbli minn bieb mingħajr numru uffiċjali li jġib fuqu n-numru 45 fi triq pubblika, li tmiss mill-Grigal ma' triq pubblika, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Charles Camilleri u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-Gvern (Rural Tenement No. 50089 Portion 6).

(5) Id-dar bin-numru 17 u 18, St Barbara Bastion, Valletta.

(6) Id-dar bin-numru 6, Triq il-Labour, Marsaxlokk.